I

*(Atti leġiżlattivi)*

# DIRETTIVI

## DIRETTIVA 2014/94/UE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**tat-22 ta' Ottubru 2014**

**dwar l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([2]),

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġislattiva ordinarja ([3]),

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata "Ewropa 2020: Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv", il-Kummissjoni timmira li ssaħħaħ il-kompetittività u s-sigurtà tal-enerġija b'użu aktar effiċjenti tar-riżorsi u tal-enerġija.

(2) Il-White Paper tal-Kummissjoni tat-28 ta' Marzu 2011 intitolata "Pjan direzzjonali għal Żona Unika Ewropea tat-Trasport — Lejn Sistema tat-Trasport Kompetittiva u li Tuża r-Riżorsi b'Mod Effiċjenti" appellat biex titnaqqas id-dipendenza tat-trasport fuq iż-żejt. Jeħtieġ li dan jinkiseb permezz ta' għadd ta' inizjattivi ta' politika, inkluż l-iżvilupp ta' strateġija sostenibbli għall-karburanti alternattivi kif ukoll tal-infrastruttura adegwata. Il-White Paper tal-Kummissjoni pproponiet ukoll tnaqqis ta' 60 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra mit-trasport sal-2050, meta mqabbla mal-livelli tal-1990.

(3) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) tistabbilixxi objettiv ta' sehem tas-suq ta' 10 % għal sorsi rinnovabbli tal-enerġija fil-karburanti tat-trasport.

(4) Abbażi tal-konsultazzjoni mal-partijiet interessati u l-esperti nazzjonali, kif ukoll mill-għarfien espert riflessi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Jannar 2013 intitolata "l-Enerġija Nadifa għat-Trasport: strateġija Ewropea dwar il-fjuwils alternattivi", l-elettriku, l-idroġenu, il-bijokarburanti, il-gass naturali, u l-gass likwifikat miż-żejt (LPG) ġew identifikati bħala attwalment il-karburanti alternattivi ewlenin b'potenzjal li jissostitwixxu ż-żejt fit-tul, anke fid-dawl tal-użu simultanju u kkumbinat possibbli tagħhom, pereżempju permezz ta' sistemi ta' teknoloġija b'żewġ tipi ta' karburant.

([1]) ĠU C 271, 19.9.2013, p. 111.
([2]) ĠU C 280, 27.9.2013, p. 66.
([3]) Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' April 2014 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tad-29 ta' Settembru 2014.
([4]) Id-Direttiva 2009/28/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli u li temenda u sussegwentement tħassar id-Direttivi 2001/77/KE u 2003/30/KE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 16).

(5) Sorsi tal-enerġija tfisser is-sorsi alternattivi kollha tal-enerġija għat-trasport, bħall-elettriku u l-idroġenu, li ma jeħtieġx li jkunu rilaxxati permezz tal-kombustjoni jew l-ossidazzjoni mingħajr kombustjoni.

(6) Il-karburanti sintetiċi, li jissostitwixxu d-diżil, il-petrol u l-karburant tal-avjazzjoni, jistgħu jiġu prodotti minn bażijiet differenti, li jbiddlu l-bijomassa, il-gass, il-faħam jew l-iskart tal-plastik f'karburanti likwidi, il-metan u d-dimetiletere (DME). Il-karburanti ta' diżil paraffiniku sintetiku, bħaż-żjut veġetali idrotrattati (HVO) u d-diżil Fischer-Tropsch, huma funġibbli u jistgħu jitħalltu fid-diżil fossili fi proporzjonijiet għoljin ħafna ta' taħlit, jew jistgħu jintużaw mhux imħallta f'vetturi attwali jew futuri li jaħdmu bid-diżil. Għalhekk, dawk il-karburanti jistgħu jiġu distribwiti, maħżuna jew użati mal-infrastruttura eżistenti. Il-karburanti sintetiċi li jissostitwixxu l-petrol, bħall-metanol u alkoħols oħrajn, jistgħu jitħalltu mal-petrol u jistgħu jintużaw teknikament mat-teknoloġija tal-vetturi attwali b'adattamenti żgħar. Il-metanol jista' jintuża wkoll għan-navigazzjoni fuq l-ilma intern u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra. Il-karburanti sintetiċi u paraffiniċi għandhom potenzjal li jnaqqsu l-użu ta' sorsi taż-żejt fil-provvista tal-enerġija lit-trasport.

(7) L-LPG jew l-awtogass huwa karburant alternattiv, idderivat mill-ipproċessar tal-gass naturali u r-raffinar taż-żejt, li għandu marka tal-karbonju aktar baxxa u emissjonijiet li jniġġsu sinifikattivament inqas mill-karburanti konvenzjonali. Il-bijo-LPG idderivat minn diversi sorsi ta' bijomassa huwa mistenni li jiżviluppa bħala teknoloġija vijabbli fuq perijodu ta' żmien medju sa twil. L-LPG jista' jintuża għat-trasport bit-triq (għall-karozzi u t-trakkijiet) għall-firxiet kollha ta' distanzi. Jista' jintuża wkoll għan-navigazzjoni fuq l-intern u t-trasport marittimu fuq distanzi qosra. L-infrastruttura tal-LPG hija relattivament żviluppata sew b'għadd sinifikanti ta' stazzjonijiet ta' distribuzzjoni diġà preżenti fl-Unjoni (madwar 29 000). Madankollu, id-distribuzzjoni ta' dawk l-istazzjonijiet ta' distribuzzjoni hija irregolari, b'penetrazzjoni baxxa f'għadd ta' pajjiżi.

(8) Mingħajr preġudizzju għad-definizzjoni tal-karburanti alternattivi f'din id-Direttiva, għandu jiġi nnotat li jeżistu tipi addizzjonali ta' karburanti nodfa li jistgħu jirrappreżentaw alternattivi potenzjali għall-karburanti fossili. Għandhom jitqiesu r-riżultati promettenti mir-riċerka u l-iżvilupp meta jiġu magħżula tipi ġodda ta' karburanti alternattivi. L-istandards u l-leġislazzjoni għandhom jiġu mfassla b'tali mod li ma jagħtux preferenza għal xi tip partikolari ta' teknoloġija, sabiex ma jfixklux l-iżvilupp ulterjuri ta' karburanti alternattivi u trasportaturi tal-enerġija.

(9) Ir-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21 tas-6 ta' Ġunju 2012 iddikjara li n-nuqqas ta' infrastruttura armonizzata għall-karburanti alternattivi mal-Unjoni kollha jfixkel l-introduzzjoni fis-suq ta' vetturi li jużaw karburanti alternattivi u jdewwem il-benefiċċji ambjentali tagħhom. Fil-Komunikazzjoni tagħha tat-8 ta' Novembru 2012 intitolata "CARS 2020: Pjan ta' Azzjoni għal industrija tal-karozzi kompetittiva u sostenibbli fl-Ewropa", il-Kummissjoni laqgħet ir-rakkomandazzjonijiet ewlenin tar-rapport tal-Grupp ta' Livell Għoli CARS 21, u ppreżentat Pjan ta' Azzjoni bbażat fuqhom. Din id-Direttiva hija waħda mill-azzjonijiet ewlenin dwar l-infrastruttura tal-karburanti alternattivi mħabbra mill-Kummissjoni.

(10) Għandha tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern minħabba l-introduzzjoni mhux ikkoordinata fis-suq tal-karburanti alternattivi. Għaldaqstant, oqfsa ta' politika kkoordinati tal-Istati Membri kollha għandhom jipprovdu s-sigurtà fit-tul meħtieġa għall-investiment privat u pubbliku fit-teknoloġija tal-vetturi u tal-karburanti, kif ukoll fil-bini tal-infrastruttura, għall-għan doppju tal-minimizzazzjoni tad-dipendenza fuq iż-żejt u l-mitigazzjoni tal-impatt ambjentali tat-trasport. Għalhekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu oqfsa ta' politika nazzjonali li jiddeskrivu l-miri u l-objettivi nazzjonali, kif ukoll l-azzjonijiet ta' appoġġ tagħhom għall-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-karburanti alternattivi, inkluż l-iskjerament tal-infrastruttura meħtieġa li għandha tiġi installata, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet reġjonali u lokali u mal-industrija kkonċernata, filwaqt li jittieħed kont tal-ħtiġijiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' Stati Membri oħra fil-viċin tagħhom, fil-livell reġjonali jew makroreġjonali, permezz ta' konsultazzjoni jew ta' oqfsa konġunti ta' politika, b'mod partikolari fejn ikunu meħtieġa l-kontinwità tal-kopertura tal-infrastruttura għall-karburanti alternattivi bejn il-fruntieri nazzjonali, jew il-bini ta' infrastruttura ġdida qrib il-fruntieri nazzjonali, inklużi għażliet differenti ta' aċċess mhux diskriminatorju għall-punti tal-iċċarġjar u ta' rforniment. Il-koordinazzjoni ta' dawk l-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-koerenza tagħhom fil-livell tal-Unjoni għandhom jiġu appoġġati b'kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-valutazzjoni kif ukoll ir-rapportar mill-Kummissjoni. Sabiex jiġi ffaċilitat ir-rapportar mill-Istati Membri tal-informazzjoni prevista fl-Anness I, linji gwida mhux vinkolanti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

(11) Huwa meħtieġ approċċ koordinat sabiex jintlaħqu l-ħtiġijiet fit-tul f'termini ta' enerġija tal-modi ta' trasport kollha. B'mod partikolari, il-politiki għandhom jibnu fuq l-użu ta' karburanti alternattivi, b'enfasi fuq il-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull mod ta' trasport. Fl-elaborazzjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali, għandu jittieħed kont tal-ħtiġijiet tal-modi differenti ta' trasport li jeżistu fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat, inklużi dawk li għalihom huma disponibbli alternattivi limitati għall-karburanti fossili.

(12) L-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tal-Istati Membri għandhom jiġu ffaċilitati mill-Kummissjoni permezz ta' skambju ta' informazzjoni u tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri.

(13) Sabiex jiġu promossi l-karburanti alternattivi u tiġi żviluppata infrastruttura rilevanti, l-oqfsa ta' politika nazzjonali jistgħu jkunu jikkonsistu minn diversi pjanijiet, strateġiji jew dokumentazzjoni ta' ppjanar oħra żviluppati separatament jew b'mod integrat, jew f'forma oħra, u fil-livell amministrattiv deċiż mill-Istati Membri.

(14) Il-karburanti inklużi fl-oqfsa nazzjonali tal-politika biss għandhom ikunu eliġibbli għall-miżuri ta' appoġġ tal-Unjoni u nazzjonali għall-infrastruttura tal-karburanti alternattivi, sabiex l-appoġġ pubbliku jkun jista' jiffoka fuq żvilupp koordinat tas-suq intern, lejn mobbiltà mal-Unjoni kollha bl-użu ta' vetturi u bastimenti li jużaw karburanti alternattivi.

(15) Din id-Direttiva mhix intiża li tqiegħed piż finanzjarju addizzjonali fuq l-Istati Membri jew fuq l-awtoritajiet reġjonali u lokali. Għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jimplimentaw din id-Direttiva bl-użu ta' firxa wiesgħa ta' inċentivi u miżuri regolatorji u mhux regolatorji, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-atturi tas-settur privat, li għandu jkollhom rwol ewlieni fl-appoġġ għall-iżvilupp ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi.

(16) F'konformità mar-Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), l-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni, b'mod partikolari fir-rigward tad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport, huwa eliġibbli għal finanzjament mill-Unjoni. Dak ir-Regolament jipprevedi wkoll l-għoti ta' finanzjament addizzjonali għal azzjonijiet li jisfruttaw is-sinerġiji bejn tal-anqas tnejn mis-setturi koperti minnu(jiġifieri t-trasport, l-enerġija u t-telekomunikazzjoni). Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni hija assistita mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (CEF) fil-koordinazzjoni tal-programmi ta' ħidma bil-għan li jkunu jistgħu jsiru sejħiet għal proposti multisettorjali, sabiex jittieħed vantaġġ sħiħ tas-sinerġiji possibbli bejn dawk is-setturi. Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa b'hekk tikkontribwixxi għall-installazzjoni tal-infrastruttura tal-karburanti alternattivi.

(17) Il-programm qafas Orizzont 2020, stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) ser jipprovdi wkoll appoġġ għar-riċerka u l-innovazzjoni fir-rigward tal-vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi u l-infrastruttura relatata, b'mod partikolari permezz tal-Isfida tas-Soċjetà "Trasport intelliġenti, ekoloġiku u integrat". Dak is-sors speċifiku ta' finanzjament għandu jikkontribwixxi wkoll għall-iżvilupp tal-infrastruttura tal-karburanti alternattivi u għandu jitqies bis-sħiħ bħala opportunità addizzjonali biex jiġi żgurat suq ta' mobbiltà sostenibbli fl-Unjoni kollha.

(18) Sabiex jitħeġġeġ l-investiment fit-trasport sostenibbli u jiġi appoġġat l-użu ta' netwerk kontinwu ta' karburanti alternattivi fl-Unjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jappoġġaw miżuri nazzjonali u reġjonali għall-iżvilupp f'dan il-qasam. Huma għandhom jinkoraġġixxu skambji tal-aħjar prattiki fl-installazzjoni u l-ġestjoni tal-infrastruttura tal-karburanti alternattivi bejn l-inizjattivi għall-iżvilupp lokali u dawk reġjonali u, għal dan il-fini, għandhom jippromwovu l-użu tal-Fondi Ewropej Strutturali u ta' Investiment, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni.

(19) Għandhom jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ għal infrastruttura għall-karburanti alternattivi, f'konformità marregoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri jistgħu jqisu li hu meħtieġ li jipprovdu appoġġ lill-operaturi affettwati minn din id-Direttiva skont irregoli applikabbli dwar l-għajnuna mill-Istat. Kwalunkwe miżura ta' appoġġ nazzjonali għall-infrastruttura tal-karburanti alternattivi notifikata lill-Kummissjoni għandha tiġi vvalutata mingħajr dewmien.

(20) Il-linji gwida tan-Netwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) jirrikonoxxu li l-karburanti alternattivi iservu, talinqas parzjalment, bħala sostitut għas-sorsi taż-żejt fossili fil-forniment tal-enerġija lit-trasport, jikkontribwixxu għad-dekarbonizzazzjoni tagħha u jtejbu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport. Il-linji gwida tat-TEN-T jitolbu, fir-rigward tat-teknoloġiji ġodda u l-innovazzjoni, li t-TEN-T għandu jippermetti d-dekarbonizzazzjoni talmodi kollha tat-trasport kemm billi jistimula l-effiċjenza tal-enerġija kif ukoll bl-introduzzjoni ta' sistemi ta' propulsjoni alternattivi u l-installazzjoni tal-infrastruttura korrispondenti. Il-linji gwida tat-TEN-T jitolbu wkoll li l-portijiet interni u l-portijiet fil-baħar, l-ajruporti u t-toroq tan-netwerk ewlieni stabbilit bir-Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) ("Netwerk Ewlieni tat-TEN-T") jipprevedu disponibbiltà ta' karburanti alternattivi. Fis-CEF, l-istrument ta' finanzjament tat-TEN-T jagħmel l-introduzzjoni fin-Netwerk

([1]) Regolament (UE) Nru 1316/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 913/2010 u jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 680/2007 u (KE) Nru 67/2010 (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 129).

([2]) Regolament (UE) Nru 1291/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Orizzont 2020 — il-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni (2014-2020) u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 104).

([3]) Regolament (UE) Nru 1315/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-netwerk trans-Ewropew tat-trasport u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 661/2010/UE (ĠU L 348, 20.12.2013, p. 1).

Ewlieni tat-TEN-T ta' dawk it-teknoloġiji l-ġodda u l-innovazzjoni, inkluża l-infrastruttura għal karburanti nodfa alternattivi, eliġibbli għall-għotjiet. Barra minn hekk, l-installazzjoni ta' infrastruttura għall-karburanti nodfa alternattivi f'netwerk komprensiv usa' ser tkun tista' tirċievi assistenza finanzjarja mis-CEF fil-forma ta' strumenti tal-akkwist u strumenti finanzjarji, bħall-bonds għall-finanzjament ta' proġetti.

(21) Il-bijokarburanti, kif iddefiniti fid-Direttiva 2009/28/KE, huma attwalment l-aktar tip importanti ta' karburanti alternattivi, responsabbli għal 4,7 % tal-karburanti totali kkunsmati fit-trasport fl-UE fl-2011. Huma jistgħu jikkontribwixxu wkoll għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet ta' $CO_2$ inġenerali, jekk jiġu prodotti b'mod sostenibbli. Jistgħu jipprovdu enerġija nadifa lill-modi kollha tat-trasport.

(22) In-nuqqas ta' żvilupp armonizzat ta' infrastruttura għall-karburanti alternattivi mal-Unjoni kollha jipprevjeni l-iżvilupp ta' ekonomiji ta' skala fuq in-naħa tal-provvista, u t-trawwim ta' mobbiltà mal-Unjoni kollha fuq in-naħa tad-domanda. Jeħtieġ li jinbnew netwerks ġodda ta' infrastruttura, bħal dawk għall-elettriku, għall-gass naturali (gass naturali likwifikat (LNG) u gass naturali kkompressat (CNG)) u, fejn adatt, għall-idroġenu. Huwa importanti li jiġu rikonoxxuti l-istadji differenti ta' żvilupp ta' kull teknoloġija tal-karburanti u l-infrastrutturi relatati, inklużi l-maturità tal-mudelli kummerċjali għal investituri privati u d-disponibbiltà u l-aċċettazzjoni mill-utent ta' karburanti alternattivi. Għandha tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika u l-oqfsa tal-politiki nazzjonali għandhom jieħdu kont debitu tar-rekwiżit li jiġi appoġġat l-iżvilupp kummerċjali tal-karburanti alternattivi. Barra minn hekk, għandu jittieħed kont tad-densità tal-popolazzjoni u l-karatteristiċi ġeografiċi meta jiġu mfassla l-oqfsa tal-politiki nazzjonali.

(23) L-elettriku għandu l-potenzjal li jżid l-effiċjenza tal-enerġija tal-vetturi tat-triq u li jikkontribwixxi għal tnaqqis tas-$CO_2$ fit-trasport. Huwa sors ta' enerġija li huwa indispensabbli għall-użu tal-vetturi elettriċi, inkluż il-vetturi tal-kategorija L kif imsemmi fid-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u fir-Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-arja u t-tnaqqis tal-istorbju fl-agglomerazzjonijiet urbani/suburbani u żoni oħrajn b'densità għolja ta' popolazzjoni. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jinbena għadd adegwat ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku, sabiex il-vetturi elettriċi jkunu jistgħu jiċċirkolaw tal-anqas fl-agglomerazzjonijiet urbani/suburbani u żoni oħra b'densità għolja ta' popolazzjoni, u, fejn adatt, f'netwerks determinati mill-Istati Membri. L-għadd ta' tali punti tal-iċċarġjar għandu jiġi stabbilit b'kont meħud tal-għadd stmat tal-vetturi elettriċi li ser ikunu rreġistrati sa tmiem l-2020 f'kull Stat Membru. Bħala indikazzjoni, l-għadd medju adegwat ta' punti tal-iċċarġjar għandu jkun ekwivalenti għal tal-anqas punt wieħed tal-iċċarġjar għal kull għaxar karozzi, b'kont meħud ukoll tat-tip ta' karozzi, it-teknoloġija tal-iċċarġjar u l-punti tal-iċċarġjar privati disponibbli. Għadd adegwat ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu jiġi installat, b'mod partikolari, fl-istazzjonijiet tat-trasport pubbliku, bħat-terminals tal-passiġġieri fil-portijiet, l-ajruporti jew l-istazzjonijiet ferrovjarji. Is-sidien privati ta' vetturi elettriċi jiddependu fil-biċċa l-kbira mill-aċċess għal punti tal-iċċarġjar f'parkeġġi kollettivi, bħal fi blokok tal-appartamenti u uffiċċji u postijiet tan-negozju. L-awtoritajiet pubbliċi għandhom jieħdu miżuri biex jassistu lill-utenti ta' tali vetturi billi jiżguraw li dawk li jiżviluppaw u jiġġestixxu s-siti jipprovdu infrastruttura adatta b'punti suffiċjenti għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi.

(24) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tinbena infrastruttura aċċessibbli għall-pubbliku għall-provvista tal-elettriku lil vetturi bil-mutur. Sabiex jiddefinixxu għadd adatt ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku fil-qafas ta' politika nazzjonali tagħhom, għandu jkun possibbli li l-Istati Membri jieħdu kont tal-għadd ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku li diġà għandhom fit-territorju tagħhom u tal-ispeċifikazzjonijiet tagħhom, u jiddeċiedu jekk jikkonċentrawx l-isforzi ta' installazzjoni fuq punti tal-iċċarġjar normali jew fuq dawk ta' qawwa għolja.

(25) L-elettromobbiltà huwa qasam li qed jiżviluppa b'mod rapidu. It-teknoloġiji attwali tal-interfaċċi tal-iċċarġjar jinkludu l-konnetturi tal-kejbils, imma jeħtieġ li jiġu kkunsidrati wkoll it-teknoloġiji tal-interfaċċi futuri, bħal l-iċċarġjar mingħajr fili jew l-iskambju ta' batteriji. Il-leġislazzjoni għandha tiżgura li l-innovazzjoni teknoloġika hija ffaċilitata. Din id-Direttiva għalhekk għandha tiġi aġġornata kif adatt sabiex jittieħed kont tal-istandards futuri għal teknoloġiji bħall-iċċarġjar mingħajr fili u l-iskambju ta' batteriji.

(26) Punt tal-iċċarġjar jew ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jista' jinkludi, pereżempju, punti tal-iċċarġjar jew ta' riforniment b'sjieda privata jew tagħmir aċċessibbli għall-pubbliku permezz ta' kards ta' reġistrazzjoni jew tariffi, punti tal-iċċarġjar jew ta' riforniment ta' skemi ta' car sharing li jippermettu aċċess lil utenti terzi permezz ta' abbonament, jew punti tal-iċċarġjar jew ta' riforniment fil-parkeġġipubbliċi. Punti tal-iċċarġjar jew ta' riforniment li jippermettu aċċess fiżiku lil utenti privati permezz ta' awtorizzazzjoni jew abbonament għandhom jitqiesu bħala punti tal-iċċarġjar jew ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku.

([1]) Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi (Direttiva Kwadru) (ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1).

([2]) Regolament (UE) Nru 168/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2013 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi b'żewġ jew tliet roti u kwadriċikli (ĠU L 60, 2.3.2013, p. 52).

(27) L-elettriku u l-idroġenu huma sorsi tal-enerġija partikolarment attraenti għall-użu ta' vetturi elettriċi/biċ-ċelloli tal-karburant u vetturi tal-kategorija L f'agglomerazzjonijiet urbani/suburbani u żoni oħrajn b'densità għolja ta' popolazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-arja u jnaqqsu l-istorbju. L-elettromobbiltà hija kontributur importanti biex jintlaħqu l-miri ambizzjużi tal-Unjoni fir-rigward tal-klima u l-enerġija għall-2020. Fil-fatt, id-Direttiva 2009/28/KE, trasposta mill-Istati Membri sal-5 ta' Diċembru 2010, stabbilixxiet objettivi obbligatorji għall-Istati Membri kollha għas-sehem tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, bil-għan li jintlaħaq sal-2020 objettiv tal-UE ta' mill-inqas sehem ta' 20 % ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli, u sehem ta' 10 % ta' enerġija rinnovabbli li tkun tintuża speċifikament fis-settur tat-trasport.

(28) L-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi fil-punti tal-iċċarġjar għandu, jekk ikun teknikament u finanzjarjament raġonevoli, jagħmel użu mis-sistemi ta' arloġġi intelliġenti sabiex jikkontribwixxu għall-istabbiltà tas-sistema tal-elettriku billi jiċċarġjaw il-batteriji min-netwerk ta' distribuzzjoni f'ħinijiet ta' domanda ġenerali baxxa għall-elettriku u jippermettu trattament sigur u flessibbli tad-data. Fil-perijodu fit-tul dan jista' wkoll jippermetti li l-vetturi elettriċi jalimentaw l-enerġija mill-batteriji lura fin-netwerk ta' distribuzzjoni f'ħinijiet ta' domanda ġenerali għolja għall-elettriku. Sistemi ta' arloġġi intelliġenti kif definit fid-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) jippermettu li tiġi prodotta data f'ħin reali li tkun meħtieġa sabiex tiġi żgurata l-istabbiltà tan-netwerk ta' distribuzzjoni u jiġi mħeġġeġ 6l-użu razzjonali tas-servizzi tal-iċċarġjar. Is-sistemi ta' arloġġi intelliġenti jipprovdu informazzjoni preċiża u trasparenti dwar id-disponibbiltà tas-servizzi tal-iċċarġjar u kemm jiswew, biex b'hekk jiġi nkoraġġut l-iċċarġjar f'perijodi "off peak", jiġifieri f'ħinijiet meta d-domanda ġenerali għall-elettriku tkun baxxa u l-prezzijiet tal-enerġija jkunu baxxi. L-użu tas-sistemi ta' arloġġi intelliġenti jottimizza l-iċċarġjar, b'benefiċċji għas-sistema tal-elettriku u għall-konsumaturi.

(29) Fir-rigward tal-punti tal-iċċarġjar għal vetturi elettriċi li mhumiex aċċessibbli pubblikament, l-Istati Membri għandhom jimmiraw li jesploraw il-fattibbiltà teknika u finanzjarja ta' sinerġiji bi pjanijiet għall-introduzzjoni ta' arloġġi intelliġenti li jsegwu l-obbligu taħt l-Anness I.2 għad-Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]). L-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni għandhom rwol importanti fir-rigward tal-punti tal-iċċarġjar. Fl-iżvilupp tal-kompiti tagħhom, l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni, li wħud minnhom jistgħu jkunu parti minn impriża integrata vertikalment li tkun is-sid jew l-operatur tal-punti tal-iċċarġjar, għandhom jikkooperaw fuq bażi mhux diskriminatorja ma' kwalunkwe sid jew operatur ieħor ta' punti tal-iċċarġjar, b'mod partikolari billi jipprovdulhom l-informazzjoni meħtieġa għall-aċċess u l-użu effiċjenti tas-sistema.

(30) Fl-iżvilupp ta' infrastruttura għall-vetturi elettriċi, l-interazzjoni ta' dik l-infrastruttura mas-sistema tal-elettriku, kif ukoll il-politika tal-elettriku tal-Unjoni, għandhom ikunu konsistenti mal-prinċipji stabbiliti skont id-Direttiva 2009/72/KE. L-istabbiliment u l-operazzjoni tal-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi għandhom jiġu żviluppati bħala suq kompetittiv b'aċċess miftuħ għall-partijiet kollha interessati fl-introduzzjoni jew fl-operazzjoni tal-infrastrutturi tal-iċċarġjar.

(31) L-aċċess tal-fornituri tal-elettriku tal-Unjoni għal punti tal-iċċarġjar għandu jkun mingħajr preġudizzju għad-derogi skont l-Artikolu 44 tad-Direttiva 2009/72/KE.

(32) Fl-2010, il-Kummissjoni tat mandat (M468) lill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni (ESOs) biex joħorġu standards ġodda, jew jirrevedu l-istandards eżistenti, bil-għan li jiżguraw l-interoperabbiltà u l-konnettività bejn punt tal-provvista tal-elettriku u sistema tal-iċċarġjar tal-vetturi elettriċi. Is-CEN/CENELEC waqqaf grupp ta' fokus, li ppubblika rapport f'Ottubru 2011. Filwaqt li r-rapport kien fih għadd ta' rakkomandazzjonijiet, ma ntlaħaq l-ebda kunsens dwar l-għażla ta' interfaċċa standard waħdanija. Għaldaqstant, jeħtieġ aktar azzjoni ta' politika sabiex tipprovdi soluzzjoni mhux proprjetarja li tiżgura l-interoperabbiltà mal-Unjoni kollha.

(33) Interfaċċa għall-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi tista' tinkludi bosta żbokkijiet ta' sokits jew konnetturi għall-vetturi sakemm wieħed minn dawn ikun f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'din id-Direttiva, sabiex ikun permess l-iċċarġjar multistandard. Madankollu, l-għażla magħmula f'din id-Direttiva għall-konnetturi komuni fl-Unjoni kollha għall-vetturi elettriċi (Tip 2 u Combo 2) ma għandhomx ikunu ta' ħsara għall-Istati Membri ladarba diġà investew fl-installazzjoni ta' teknoloġiji standardizzati oħra għall-punti tal-iċċarġjar u m'għandhomx jaffettwaw punti tal-iċċarġjar eżistenti installati qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Vetturi elettriċi li jkunu qed jiċċirkolaw diġà qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva għandhom ikunu jistgħu jiċċarġjaw, anke jekk dawn ikunu ġew maħsuba li jiċċarġjaw f'punti tal-iċċarġjar li ma jikkonformawx mal-ispeċifikazzjonijiet stabbiliti f'din id-Direttiva. L-għażla tat-tagħmir għall-punti tal-iċċarġjar normali u ta' qawwa għolja għandha tkun konformi mar-rekwiżiti ta' sikurezza speċifiċi fis-seħħ fil-livell nazzjonali.

([1]) Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE (ĠU L 315, 14.11.2012, p. 1).

([2]) Direttiva 2009/72/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar ir-regoli komuni għas-suq intern fil-qasam tal-elettriku u li temenda d-Direttiva 2003/54/KE (ĠU L 211, 14.8.2009, p. 55).

(34) Faċilitajiet għall-provvista tal-elettriku max-xatt jistgħu jaqdu t-trasport marittimu u t-trasport tal-passaġġi fuq l-ilma intern bħala provvista ta' enerġija nadifa, partikolarment f'portijiet marittimi u dawk tan-navigazzjoni f'passaġġi fuq l-ilma intern fejn il-kwalità tal-arja mhix tajba jew fejn hemm livelli għoljin ta' storbju. L-elettriku max-xatt jista' jikkontribwixxi għal tnaqqis fl-impatt ambjentali tal-vapuri tal-baħar u l-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma intern.

(35) L-istandardizzazzjoni tal-provvista tal-elettriku max-xatt ma għandhiex timpedixxi l-użu ta' sistemi li jkunu diġà stabbiliti qabel id-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. B'mod partikolari, l-Istati Membri għandhom jippermettu l-manutenzjoni u l-aġġornament ta' sistemi eżistenti bil-għan li jiġi żgurat l-użu effiċjenti tagħhom tul il-ħajja kollha tagħhom, mingħajr ma tkun rikjesta konformità sħiħa mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti f'din id-Direttiva.

(36) Il-provvista tal-elettriku lil ajruplani wieqfa fl-ajruporti tista' tnaqqas il-konsum tal-karburanti u l-istorbju, ittejjeb il-kwalità tal-arja u tnaqqas l-impatt fuq it-tibdil fil-klima. L-Istati Membri għalhekk għandhom jiżguraw li l-ħtieġa li tiġi installata provvista tal-elettriku fl-ajruporti tiġi kkunsidrata fl-oqfsa tal-politiki nazzjonali tagħhom.

(37) Il-vetturi bil-mutur li jaħdmu bl-idroġenu, inklużi l-vetturi L li jaħdmu bl-idroġenu, bħalissa għandhom rati baxxi ħafna ta' penetrazzjoni fis-suq, iżda l-bini ta' infrastruttura suffiċjenti għar-riforniment tal-idroġenu jkun essenzjali biex jagħmel possibbli l-użu tal-vetturi bil-mutur li jaħdmu bl-idroġenu fuq skala akbar.

(38) L-Istati Membri li jiddeċiedu li jinkludu punti ta' riforniment tal-idroġenu fl-oqfsa tal-politiki nazzjonali tagħhom, għandhom jiżguraw li tinbena infrastruttura aċċessibbli għall-pubbliku għall-provvista tal-elettriku lil vetturi bil-mutur, sabiex tiġi żgurata ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi bil-mutur li jaħdmu bl-idroġenu fin-netwerks iddeterminati minn dawk l-Istati Membri. Fejn adatt, għandhom jiġu kkunsidrati rabtiet transkonfinali bil-ħsieb li l-vetturi bil-mutur li jaħdmu bl-idroġenu jkunu jistgħu jiċċirkolaw fl-Unjoni kollha.

(39) F'dak li għandu x'jaqsam mal-vetturi li jaħdmu bil-gass naturali, hemm madwar 3 000 punti ta' riforniment attivi fl-Unjoni. Punti ta' riforniment addizzjonali jistgħu jiġu installati u pprovduti miż-żona li hija attwalment żviluppata sew li tkopri n-netwerks ta' distribuzzjoni tal-gass naturali fl-Unjoni, dment li l-kwalità tal-gass tkun adatta għall-użu f'vetturi tal-gass li jużaw it-teknoloġiji eżistenti u avvanzati. In-netwerk ta' distribuzzjoni attwali għall-gass naturali tista' tiġi ssupplimentata b'punti ta' riforniment lokali li jużaw bijometan prodott lokalment.

(40) Infrastruttura komuni għall-gass naturali tirrikjedi speċifikazzjonijiet tekniċi komuni għall-hardware tagħha kif ukoll għall-kwalità tal-gass. Il-kwalità tal-gass naturali li jintuża fl-Unjoni tiddependi mill-oriġini tiegħu, mill-kostitwenti tiegħu, eż. il-bijometan imħallat fil-gass naturali, u mill-mod li bih il-gass jiġi ttrattat tul il-katina ta' distribuzzjoni. Għalhekk, firxa ta' karatteristiċi tekniċi tista' tipprevjeni l-użu ottimali tal-magni u tnaqqas l-effiċjenza tal-enerġija tagħhom. F'dan ir-rigward, il-Kumitat Tekniku CEN/TC 408 — Kumitat tal-Proġett qed jiżviluppa sett ta' speċifikazzjonijiet tal-kwalità għall-gass naturali li jintuża fit-trasport u għall-injezzjoni tal-bijometan fin-netwerk ta' distribuzzjoni tal-gass naturali.

(41) L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-oqfsa tal-politiki nazzjonali tagħhom, li jinbena għadd adegwat ta' punti ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għall-provvista tas- CNG jew bijometan ikkompressat għall-vetturi bil-mutur, sabiex tiġi żgurata li l-vetturi bil-mutur tas-CNG ikunu jistgħu jiċċirkolaw fl-agglomerazzjonijiet urbani/suburbani u żoni oħrajn b'densità għolja ta' popolazzjoni kif ukoll fl-Unjoni kollha, tal-anqas tul in-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T eżistenti. Meta jistabbilixxu n-netwerks tagħhom għall-provvista tas-CNG għall-vetturi bil-mutur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku jkunu installati, b'kont meħud tad-distanza minima li jistgħu jkopru l-vetturi bil-mutur tas-CNG. Bħala indikazzjoni, id-distanza medja meħtieġa bejn il-punti ta' riforniment għandha tkun madwar 150 km. Biex jiġu żgurati l-funzjonament tas-suq u l-interoperabbiltà, il-punti kollha ta' riforniment tas-CNG għall-vetturi bil-mutur għandhom jipprovdu gass tal-kwalità meħtieġa għall-użu fil-vetturi b'teknoloġija attwali u avvanzata li jaħdmu bis-CNG.

(42) L- LNG huwa karburant alternattiv attraenti għall-bastimenti, biex jilħqu r-rekwiżiti ta' tnaqqis tal-kontenut tal-kubrit fil-karburanti tal-baħar fiż-Żoni ta' Kontroll tal-Emissjonijiet $SO_x$, li jolqtu nofs il-vapuri li jbaħħru fit-trasport marittimu Ewropew fuq distanzi qosra, kif previst fid-Direttiva 2012/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1). Netwerk ewlieni ta' punti ta' riforniment għal-LNG fil-portijiet marittimi u interni għandu jkun disponibbli, tal-inqas, sa tmiem l-2025 u l-2030 rispettivament. Il-punti ta' riforniment għal-LNG jinkludu, fost l-oħrajn, terminals tal-LNG, tankijiet, kontejners mobbli, bastimenti li jaħżnu u jfornu l-karburanti u barkuni. L-enfasi inizjali fuq in-netwerk ewlieni ma għandhiex teskludi l-possibbiltà li, fi żmien aktar fit-tul, l-LNG isir disponibbli wkoll f'portijiet barra min-netwerk ewlieni, partikolarment dawk il-portijiet li huma importanti għall-bastimenti li mhumiex involuti f'operazzjonijiet tat-trasport. Id-deċiżjoni dwar is-sit tal-punti ta' riforniment tal-LNG

(1) Direttiva 2012/33/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE fir-rigward tal-kontenut ta' kubrit fil-karburanti għal użu marittimu (ĠU L 327, 27.11.2012, p. 1).

fil-portijiet għandha tkun ibbażata fuq analiżi tal-kost u l-benefiċċji, inkluż eżami tal-benefiċċji ambjentali. Għandhom jiġu kkunsidrati wkoll id-dispożizzjonijiet applikabbli relatati mas-sikurezza. L-installazzjoni tal-infrastruttura tal-LNG prevista f'din id-Direttiva m'għandhiex tfixkel l-iżvilupp ta' karburanti alternattivi futuri oħra effiċjenti fl-enerġija u b'potenzjal.

(43) Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jimmodifikaw il-Ftehim Ewropew dwar it-Trasport Internazzjonali ta' Oġġetti Perikolużi fuq Passaġġi tal-Ilma Interni, konkluż f'Ġinevra fis-26 ta' Mejju 2000, kif emendat (ADN), sabiex tkun permessa t-trasport fuq skala kbira tal-LNG f'passaġġi fuq l-ilma interni. L-emendi li dan jinvolvi għandhom isiru applikabbli għat-trasport kollu fit-territorju tal-Unjoni billi jiġi adattat l-Anness III, Taqsima III.1 tad-Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi. Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) għandha tiġi emendata, fejn meħtieġ, biex tippermetti l-użu effiċjenti u sigur tal-LNG għall-propulsjoni ta' bastimenti f'passaġġi fuq l-ilma interni. L-emendi proposti ma għandhomx ikunu f'konflitt mad-dispożizzjonijiet tal-ADN applikabbli fit-territorju tal-Unjoni bis-saħħa tal-Anness III, Taqsima III.1 tad-Direttiva 2008/68/KE.

(44) L-Istati Membri għandhom jiżguraw sistema ta' distribuzzjoni adatta bejn l-istazzjonijiet tal-ħażna u l-punti ta' rifurniment għal-LNG. Fir-rigward tat-trasport bit-triq, id-disponibbiltà u s-sit ġeografiku tal-punti ta' tagħbija għal vetturi b'tank tal-LNG huma essenzjali għall-iżvilupp ta' mobbiltà tal-LNG ekonomikament sostenibbli.

(45) L-LNG, inkluż il-bijometan likwifikat, jista' joffri ukoll teknoloġija kosteffiċjenti li tippermetti lill-vetturi tqal jilħqu l-limiti stretti ħafna ta' emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, skont l-istandards Euro VI kif imsemmi fir-Regolament (UE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]).

(46) In-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T għandu jkun il-bażi għall-installazzjoni tal-infrastruttura tal-LNG, billi jkopri l-flussi ewlenin tat-traffiku, u jagħti lok għal benefiċċji tan-netwerk. Meta jkunu qed jistabbilixxu n-netwerks tagħhom għall-forniment tal-LNG għal vetturi tqal b'mutur, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li jiġu installati l-punti ta' rifurniment aċċessibbli għall-pubbliku, tal-anqas tul in-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T eżistenti, f'distanzi adegwati b'kont meħud tad-distanza minima ta' vetturi tqal b'mutur tal-LNG. Bħala indikazzjoni, id-distanza medja meħtieġa bejn il-punti ta' rifurniment għandha tkun ta' madwar 400 kilometru.

(47) L-installazzjoni tal-punti ta' rifurniment kemm għal-LNG u għas-CNG għandha tkun ikkoordinata kif xieraq mal-implimentazzjoni tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T.

(48) Għadd xieraq ta' punti ta' rifurniment aċċessibbli għall-pubbliku tal-LNG u s-CNG għandu jiġi installat sal-31 ta' Diċembru 2025, tal-anqas tul in-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T eżistenti f'dik id-data, u wara dik id-data, fuq il-partijiet l-oħra tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T fejn dawn isiru aċċessibbli għall-vetturi.

(49) Fid-dawl tad-diversità dejjem tikber fit-tipi ta' karburanti għall-vetturi bil-mutur, flimkien mat-tkabbir kontinwu fil-mobbiltà bit-triq taċ-ċittadini mal-Unjoni kollha, jeħtieġ li l-utenti tal-vetturi jiġu pprovduti b'informazzjoni ċara u faċli li tinftiehem dwar il-karburanti disponibbli fl-istazzjonijiet ta' rifurniment u dwar il-kompatibbiltà tal-vettura tagħhom mal-karburanti differenti jew il-punti tal-iċċarġjar fis-suq tal-Unjoni tal-karburanti tat-trasport, mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]). L-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu li jimplimentaw dawn il-miżuri ta' informazzjoni fir-rigward tal-vetturi fiċ-ċirkolazzjoni.

(50) Fin-nuqqas ta' standard Ewropew għal karburant alternattiv partikolari, l-Istati Membri għandhom jitħallew jużaw standards oħrajn għall-informazzjoni tal-utent u t-tikkettar.

([1]) Direttiva 2008/68/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar it-trasport intern ta' oġġetti perikolużi (ĠU L 260, 30.9.2008, p. 13).

([2]) Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

([3]) Regolament (KE) Nru 595/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u magni rigward l-emissjonijiet minn vetturi heavy-duty (Euro VI) u dwar l-aċċess għal informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 715/2007 u d-Direttiva 2007/46/KE u li jħassar id-Direttivi 80/1269/KEE, 2005/55/KE u 2005/78/KE (ĠU L 188, 18.7.2009, p. 1).

([4]) Direttiva 2009/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 li temenda d-Direttiva 98/70/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-petrol, tad-diżil u taż-żejt tal-gass u li tintroduċi mekkaniżmu għall-monitoraġġ u għat-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 1999/32/KE rigward l-ispeċifikazzjoni tal-karburant użat mill-bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 93/12/KEE (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 88).

(51) Informazzjoni sempliċi u li titqabbel faċilment rigward il-prezzijiet tal-karburanti differenti jista' jkollha rwol importanti biex tippermetti lill-utenti tal-vetturi jevalwaw aħjar il-kost relattiv tal-karburant individwali disponibbli fuq is-suq. Għaldaqstant, meta il-prezzijiet tal-karburanti jintwerew fi stazzjonijiet tal-karburanti, b'mod partikolari għall-gass naturali u l-idroġenu, għandu jkun possibbli li l-paragun tal-prezz ta' kull unità ma' dak ta' karburanti konvenzjonali, pereżempju ma' "ekwivalenti għal litru (1) petrol", jintwera għall-finijiet ta' informazzjoni.

(52) Fid-dawl tad-diversità li qed tiżdied fit-tipi ta' karburant għal vetturi bil-mutur, huwa meħtieġ li l-utenti tal-vetturi jiġu pprovduti b'data li tirrigwarda s-sit ġeografiku tar-riforniment u l-punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ta' karburanti alternattivi koperti b'din id-Direttiva. Għalhekk, meta kumpanniji jew siti tal-internet jagħtu din l-informazzjoni, din għandha tkun aċċessibbli fuq bażi miftuħa u nondiskriminatorja lill-utenti kollha.

(53) Huwa ta' importanza partikolari għal tfassil ta' politika bbażata fuq il-fatti fil-livelli kollha li jinġabru l-aħjar prattiki u data kkoordinata permezz ta' attivitajiet ta' monitoraġġ, bħall-Portal Vetturi Nodfa u l-Osservatorju Ewropew għall-Elettromobbiltà.

(54) Informazzjoni ewlenija dwar id-disponibbiltà ta' punti tal-iċċarġjar u tar-riforniment u kwalunkwe informazzjoni oħra meħtieġa għall-mobbiltà fl-Unjoni kollha għandha tiġi inkluża, fejn applikabbli, fis-servizzi tal-informazzjoni dwar it-traffiku u l-ivvjaġġar bħala parti mis-sistema ta' trasport intelliġenti.

(55) Sabiex jiġi żgurat l-adattament tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva għall-iżvilupp tas-suq u l-progress tekniku, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 TFUE, fir-rigward tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-punti ta' riforniment u tal-iċċarġjar u standards rilevanti. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika normali tagħha u twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal- ta' atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trasmissjoni simultanja, fil-ħin u adegwata ta' dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(56) L-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (OMI) tiżviluppa standards ta' sigurtà u ambjentali uniformi u rikonoxxuti internazzjonalment għat-trasport marittimu. Kunflitti mal-istandards internazzjonali għandhom jiġu evitati fid-dawl tan-natura globali tat-trasport marittimu. Għalhekk l-Unjoni għandha tiżgura li l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għat-trasport marittimu adottati skont din id-Direttiva jkunu konsistenti mar-regoli internazzjonali adottati mill-OMI.

(57) L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-interoperabbiltà tal-punti tal-iċċarġjar u ta' riforniment għandhom jiġu speċifikati fi standards Ewropej jew internazzjonali. L-ESOs għandhom jadottaw l-istandards Ewropej f'konformità mal-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), u dawk l-istandards għandhom ikunu bbażati fuq standards internazzjonali attwali jew fuq ħidma attwali ta' standardizzazzjoni internazzjonali, fejn applikabbli. Għall-istandards li għadhom ma ġewx adottati, il-ħidma għandha tkun ibbażata fuq standards li qed jiġu żviluppati: "Linji gwida għas-sistemi u l-installazzjonijiet għall-provvista tal-LNG bħala karburant għall-bastimenti" (ISO/DTS 18683), "Stazzjonijiet ta' riforniment tal-gass naturali — Stazzjonijiet tal-LNG għar-riforniment tal-vetturi" (ISO/DIS 16924) u "Stazzjonijiet ta' riforniment tal-gass naturali — Stazzjonijiet tas-CNG għar-riforniment tal-vetturi" (ISO/DIS 16923). Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li taġġorna, permezz ta' atti delegati, ir-referenzi għall-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mogħtija fi standards Ewropej jew internazzjonali.

(58) Fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta ma' gruppi ta' esperti rilevanti, inkluż tal-inqas il-Grupp Espert Ewropew dwar Karburanti Futuri għat-Trasport, li huwa magħmul minn esperti mill-industrija u mis-soċjetà ċivili, kif ukoll il-Grupp Espert Konġunt għat-Trasport u l-Ambjent, li jġib flimkien esperti mill-Istati Membri.

(59) Grupp ta' esperti msejjaħ Forum Ewropew dwar Trasport Marittimu Sostenibbli (ESSF) ġie stabbilit mill-Kummissjoni sabiex jassistiha fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tas-sostenibbiltà tat-trasport marittimu. Sottogrupp għal-LNG marittimu ġie stabbilit taħt l-ESSF, bil-mandat li jipproponi lill-ESSF l-iżvilupp ta' standards jew regoli għal-LNG marittimu bħala karburant tal-vapuri li jkopri aspetti tekniċi, operazzjonali, ta' sigurtà, ta' sikurezza, ta' taħriġ u ambjentali tal-forniment tal-LNG lill-bastimenti. Kumitat Ewropew għall-Ħolqien

([1]) Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/23/KE u 2009/105/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 87/95/KEE u d-Deċiżjoni Nru 1673/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 316, 14.11.2012, p. 12).

ta' Standards Tekniċi (CESTE) ġie stabbilit biex jittratta l-istandards tekniċi fil-qasam tan-navigazzjoni fuq l-ilma intern. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika li normalment issegwi u twettaq konsultazzjonijiet mal-esperti, inklużi l-ESSF u s-CESTE, qabel ma tadotta l-atti delegati dwar ir-rekwiżiti tal-forniment tal-LNG lill-bastimenti, inklużi l-aspetti ta' sikurezza relatati miegħu.

(60) Il-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) hija organizzazzjoni internazzjonali li tindirizza l-kwistjonijiet kollha dwar in-navigazzjoni fuq l-ilma intern. Il-Kummissjoni tad-Danubju hija organizzazzjoni intergovernattiva internazzjonali li tipprovdi u tiżviluppa navigazzjoni libera fuq id-Danubju. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika li normalment issegwi u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inkluż s-CCNR u l-Kummissjoni tad-Danubju, qabel ma tadotta atti delegati dwar in-navigazzjoni fuq l-ilma intern.

(61) Meta kwistjonijiet relatati ma' din id-Direttiva, bl-eċċezzjoni tal-implimentazzjoni jew il-ksur tagħha, ikunu qed jiġu eżaminati minn esperti, li għalhekk ikunu qed jaġixxu bħala gruppi ta' esperti, il-Parlament Ewropew għandu jirċievi informazzjoni u dokumentazzjoni sħiħa u, fejn opportun, stedina biex jattendi l-laqgħat rilevanti.

(62) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tingħata setgħat ta' implimentazzjoni biex tistipula proċeduri u speċifikazzjonijiet komuni. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità ma-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(63) Biex jiġi żgurat li karburanti alternattivi għat-trasport jkunu tal-kwalità rekwiżita għall-użu fit-teknoloġija tal-magni attwali u futuri, u li joffru livell għoli ta' prestazzjoni ambjentali fir-rigward tas-$CO_2$ u emissjonijiet ta' tniġġis oħra, il-Kummissjoni għandha tissorvelja l-introduzzjoni tagħhom fis-suq. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha, jekk adatt, tipproponi l-miżuri legali meħtieġa biex tiżgura livell għoli armonizzat ta' kwalità ta' karburant fl-Unjoni kollha.

(64) Sabiex jinkiseb l-użu l-aktar wiesa' ta' karburanti alternattivi għat-trasport, filwaqt li biex tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika, u biex tiġi promossa mobbiltà elettrika sostenibbli mal-Unjoni kollha, il-Kummissjoni għandha, jekk tqis li dan ikun xieraq, tieħu l-miżuri adegwati, bħall-adozzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija deskritta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Enerġija Nadifa għat-Trasport: strateġija Ewropea għal karburanti alternattivi". Għal dan il-għan, il-Kummissjoni tista' tqis il-ħtiġijiet u l-iżviluppi fis-swieq individwali fl-Istati Membri.

(65) Billi l-objettiv ta' din id-Direttiva, jiġifieri li jitrawwem żvilupp estensiv tas-suq tal-karburanti alternattivi, ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri individwalment, iżda jista' pjuttost, minħabba l-ħtieġa ta' azzjoni li tissodisfa d-domanda għal massa kritika ta' vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi u għal żviluppi kosteffiċjenti mill-industrija Ewropea, u biex tkun possibbli l-mobbiltà mal-Unjoni kollha tal-vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà stipulat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stipulat f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Din id-Direttiva tistabbilixxi qafas komuni ta' miżuri għall-installazzjoni ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi fl-Unjoni sabiex timminimizza d-dipendenza fuq iż-żejt u biex jiġi mmitigat l-impatt tat-trasport fuq l-ambjent. Din id-Direttiva tistabbilixxi r-rekwiżiti minimi għall-bini ta' infrastruttura għall-karburanti alternattivi, inkluż punti tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi u punti ta' rifurniment għall-gass naturali (LNG u CNG) u għall-idroġenu, li għandha tiġi implimentata permezz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tal-Istati Membri, kif ukoll l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni għal tali punti ta' ċċarġjar u ta' rifurniment, u r-rekwiżiti għall-informazzjoni tal-utent.

([1]) Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjon (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(1) "karburanti alternattivi" tfisser karburanti jew sorsi tal-enerġija li jservu, tal-anqas parzjalment, ta' sostitut għas-sorsi ta' żejt fossili fil-provvista tal-enerġija għat-trasport, u li għandhom il-potenzjal li jikkontribwixxu lejn id-dekarbonizzazzjoni u jsaħħu l-prestazzjoni ambjentali tas-settur tat-trasport. Dawn jinkludu, inter alia:

— l-elettriku,

— l-idroġenu,

— il-bijokarburanti kif iddefiniti fil-punt (i) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/28/KE,

— il-karburanti sintetiċi u paraffiniċi,

— il-gass naturali, inkluż il-bijometan, f'forma gassuża (gass naturali kkompressat — (CNG)) u f'forma likwifikata (gass naturali likwifikat — (LNG)), u

— il-gass likwifikat miż-żejt (LPG);

(2) "vettura elettrika" tfisser vettura bil-mutur mgħammra b'sistema ta' propulsjoni li fiha tal-inqas magna elettrika mhux periferika waħda bħala konvertitur tal-enerġija b'sistema ta' ħażna ta' enerġija elettrika rikarikabbli, li tista' tiġi ċċarġjata esternament;

(3) "punt tal-iċċarġjar" tfisser interfaċċa, li tista' tiċċarġja vettura waħda kull darba jew tbiddel batterija ta' vettura elettrika waħda kull darba;

(4) "punt tal-iċċarġjar b'potenza normali" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti trasferiment tal-elettriku lil vettura elettrika b'potenza ugwali għal 22 kW jew inqas, eskluż tagħmir b'potenza ta' 3,7 kW jew inqas, li huwa installat f'unitajiet domestiċi privati jew li l-għan ewlieni tiegħu mhuwiex l-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi u li mhuwiex aċċessibbli għall-pubbliku;

(5) "punt tal-iċċarġjar b'potenza qawwija" tfisser punt tal-iċċarġjar li jippermetti trasferiment tal-elettriku lil vettura elettrika b'potenza ta' aktar minn 22 kW;

(6) "provvista tal-elettriku max-xtut" tfisser il-forniment tal-enerġija elettrika max-xtut permezz ta' interfaċċa standardizzata lill-vapuri tat-tbaħħir jew bastimenti tal-passaġġi tal-ilma interni li jkunu fuq l-irmiġġ;

(7) "punt tal-iċċarġjar jew ta' riforniment aċċessibbli għall-pubbliku" tfisser punt tal-iċċarġjar jew ta' riforniment li jforni karburant alternattiv li jipprovdi aċċess mhux diskriminatorju lill-utenti fl-Unjoni kollha. Aċċess mhux diskriminatorju jista' jinkludi kondizzjonijiet differenti ta' awtentikazzjoni, użu u ħlas;

(8) "punt ta' riforniment" tfisser faċilità ta' riforniment għall-forniment ta' kwalunkwe karburant għajr l-LNG, permezz ta' installazzjoni fissa jew installazzjoni mobbli;

(9) "punt ta' riforniment tal-LNG" tfisser faċilità ta' riforniment għall-forniment tal-LNG, li tikkonsisti minn faċilità fissa jew mobbli, faċilità fuq il-baħar, jew sistema oħra.

*Artikolu 3*

**Oqfsa ta' politika nazzjonali**

1. Kull Stat Membru għandu jadotta qafas ta' politika nazzjonali għall-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-karburanti alternattivi fis-settur tat-trasport u l-installazzjoni tal-infrastruttura rilevanti. Hi għandha tinkludi mill-anqas dan li ġej:

— Evalutazzjoni tas-sitwazzjoni attwali u l-iżvilupp futur tas-suq fir-rigward ta' karburanti alternattivi fis-settur tat-trasport, inkluż fid-dawl tal-użu simultanju u kkumbinat possibbli tagħhom, u tal-iżvilupp ta' infrastruttura ta' karburanti alternattivi, filwaqt li tiġi kkunsidrata, fejn rilevanti, il-kontinwità transkonfinali;

— miri u objettivi nazzjonali, skont l-Artikoli 4(1), 4(3), 4(5), 6(1), 6(2), 6(3), 6(4), 6(6), 6(7), 6(8) u, fejn applikabbli, l-Artikolu 5(1), għall-installazzjoni ta' infrastruttura ta' karburanti alternattivi. Dawk il-miri u l-objettivi nazzjonali għandhom jiġu stabbiliti u jistgħu jiġu riveduti abbażi ta' valutazzjoni tad-domanda nazzjonali, reġjonali jew fl-Unjoni kollha, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mar-rekwiżiti minimi tal-infrastruttura stabbiliti f'din id-Direttiva;

— jintlaħqu l-miżuri meħtieġa biex jiġu żgurati l-miri u l-objettivi nazzjonali li jinsabu fil-qafas ta' politika nazzjonali tagħhom;

— miżuri li jistgħu jippromwovu l-installazzjoni ta' infrastruttura ta' karburanti alternattivi fis-servizzi tat-trasport pubbliku;

— għażla tal-agglomerazzjonijiet urbani/suburbani, ta' żoni u ta' netwerks oħra b'densità għolja ta' popolazzjoni, li, skont il-ħtiġijiet tas-suq, għandhom ikunu mgħammra b'punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 4(1);

— għażla tal-agglomerazzjonijiet urbani/suburbani, ta' żoni u ta' netwerks oħra b'densità għolja ta' popolazzjoni, li, skont il-ħtiġijiet tas-suq, għandhom ikunu mgħammra b'punti ta' rifurniment tas-CNG f'konformità mal-Artikolu 6(7);

— valutazzjoni tal-ħtieġa għall-installazzjoni ta' punti ta' rifurniment għal-LNG f'portijiet barra min-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T;

— konsiderazzjoni tal-ħtieġa għall-installazzjoni ta' provvista tal-elettriku fl-ajruporti għall-użu minn ajruplani weqfin.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-oqfsa ta' politika nazzjonali jieħdu kont tal-ħtiġijiet tal-modi differenti ta' trasport li jeżistu fit-territorju tagħhom, inklużi dawk li għalihom huma disponibbli alternattivi limitati għall-karburanti fossili.

3. L-oqfsa ta' politika nazzjonali għandhom iqisu, fejn adatt, l-interessi tal-awtoritajiet reġjonali u lokali, kif ukoll dawk tal-partijiet interessati kkonċernati.

4. Fejn meħtieġ, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw, permezz ta' konsultazzjonijiet jew oqfsa ta' politika konġunta, biex jiżguraw li l-miżuri meħtieġa biex jinkisbu l-objettivi ta' din id-Direttiva jkunu koerenti u koordinati.

5. Għandhom jiġu implimentati miżuri ta' appoġġ għal infrastruttura għall-fjuwils alternattivi, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat li jinsabu fit-TFUE.

6. L-oqfsa ta' politika nazzjonali għandhom ikunu f'konformità mal-leġislazzjoni tal-Unjoni fis-seħħ fir-rigward tal-protezzjoni tal-ambjent u tal-klima.

7. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw l-oqfsa tal-politika nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni sat-18 ta' Novembru 2016.

8. Abbażi tal-oqfsa ta' politika nazzjonali, il-Kummissjoni għandha tippubblika u taġġorna b'mod regolari l-informazzjoni dwar il-miri nazzjonali u l-objettivi ppreżentati minn kull Stat Membru fir-rigward ta':

— l-għadd ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku;

— punti ta' rifurniment tal-LNG fil-portijiet marittimi u interni

— punti ta' rifurniment tal-LNG aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi bil-mutur;

— punti ta' rifurniment tas-CNG aċċessibbli għall-pubbliku għall-vetturi bil-mutur;

Fejn applikabbli, l-informazzjoni rigward dan li ġej għandha wkoll tiġi ppubblikata:

— il-punti ta' rifurniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku;

— l-infrastruttura għall-provvista tal-elettriku max-xtut fil-portijiet marittimi u interni;

— l-infrastruttura għall-provvista tal-elettriku għal ajruplani weqfin.

9. Il-Kummissjoni għandha tassisti lill-Istati Membri fir-rappurtar dwar l-oqfsa ta' politika nazzjonali permezz tal-linji gwida msemmija fl-Artikolu 10(4), għandha tivvaluta l-koerenza tal-oqfsa ta' politika nazzjonali fil-livell tal-Unjoni u għandha tassisti lill-Istati Membri fil-proċess ta' kooperazzjoni previst fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu.

*Artikolu 4*

**Provvista tal-elettriku għat-trasport**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, li jiġu installati għadd xieraq ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku sal-31 ta' Diċembru 2020, sabiex jiġi żgurat li l-vetturi elettriċi jkunu jistgħu jiċċirkolaw tal-anqas f'agglomerazzjonijiet urbani/suburbani u żoni oħra b'densità għolja ta' popolazzjoni, u fejn xieraq, f'netwerks determinati mill-Istati Membri. L-għadd ta' tali punti tal-iċċarġjar għandu jiġi stabbilit b'kont meħud, fost l-oħrajn, tal-għadd ta' vetturi elettriċi stmati li ser ikunu rreġistrati sa tmiem l-2020, kif indikat fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, kif ukoll l-aħjar prattiki u rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni. Il-ħtiġijiet partikolari relatati mal-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku fi stazzjonijiet tat-trasport pubbliku għandhom jitqiesu, fejn adatt.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni tar-rekwiżiti fil-paragrafu 1 u, kif xieraq, tippreżenta proposta biex temenda din id-Direttiva, b'kont meħud tal-iżvilupp tas-suq għall-vetturi elettriċi, sabiex jiġi żgurat li għadd addizzjonali ta' punti tal-iċċarġjar li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku jiġu installati f'kull Stat Membru sal-31 ta' Diċembru 2025, tal-anqas fin-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T, f'agglomerazzjonijiet urbani/suburbani u żoni oħra b'densità għolja ta' popolazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom ukoll jieħdu miżuri fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom biex jinkoraġġixxu u jiffaċilitaw l-installazzjoni ta' punti tal-iċċarġjar mhux aċċessibbli għall-pubbliku.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti tal-iċċarġjar b'potenza normali għal vetturi elettriċi, esklużi l-unitajiet mingħajr fili jew induttivi, installati jew immodernizzati mit-18 ta' Novembru 2017, jikkonformaw tal-inqas mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punt 1.1 tal-Anness II u ma' rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi fis-seħħ fil-livell nazzjonali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti tal-iċċarġjar b'potenza qawwija għal vetturi elettriċi, esklużi l-unitajiet mingħajr fili jew induttivi, installati jew immodernizzati mit-18 ta' Novembru 2017, tal-inqas jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punt 1.2 tal-Anness II.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ħtieġa għall-provvista tal-elettriku max-xatt għall-bastimenti f'passaġġi tal-ilma interni jew vapuri tat-tbaħħir f'portijiet marittimi u interni tkun ivvalutata fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom. Tali provvista tal-elettriku max-xatt għandha tiġi installata bħala prijorità fil-portijiet tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T, u f'portijiet oħra, sal-31 ta' Diċembru 2025, dment li ma jkun hemm l-ebda domandau l-ispejjeż ma jkunux sproporzjonati meta mqabbla mal-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-installazzjonijiet tal-provvista tal-elettriku max-xatt għat-trasport marittimu, installati jew immodernizzati sat-18 ta' Novembru 2017, jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punt 1.7 tal-Anness II.

7. L-iċċarġjar ta' vetturi elettriċi f'punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandu, jekk ikun teknikament fattibbli u ekonomikament raġonevoli, juża sistemi ta' arloġġi intelliġenti kif iddefiniti fil-punt (28) tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2012/27/UE, u għandu jikkonforma mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 9(2) tal-istess Direttiva.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tal-punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku huma liberi li jixtru l-elettriku minn kwalunkwe fornitur tal-elettriku fl-Unjoni, soġġett għall-qbil tal-fornitur. L-operaturi ta' punti tal-iċċarġjar għandhom jitħallew jipprovdu servizzi tal-iċċarġjar għall-vetturi elettriċi għall-klijenti fuq bażi kuntrattwali, inkluż f'isem u għan-nom ta' fornituri ta' servizzi oħrajn.

9. Il-punti kollha tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku għandhom jipprevedu wkoll il-possibbiltà li utenti ta' vetturi elettriċi jkunu jistgħu jiċċarġjaw mingħajr ma jidħlu f'kuntratt mal-fornitur tal-elettriku jew l-operatur ikkonċernat.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prezzijiet mitluba mill-operaturi tal-punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku jkunu raġonevoli, kumparabbli b'mod ċar u faċli, trasparenti u mhux diskriminatorji.

11. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operaturi tas-sistemi ta' distribuzzjoni jikkooperaw fuq bażi mhux diskriminatorja ma' kwalunkwe persuna li tistabbilixxi jew topera punti tal-iċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-qafas legali jippermetti li l-provvista tal-elettriku għal punt tal-iċċarġjar tkun is-suġġett ta' kuntratt ma' fornitur li mhijiex l-entità li tforni l-elettriku lill-unità domestika jew tal-bini fejn tali punt tal-iċċarġjar ikun jinsab.

13. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, l-Unjoni għandha taħdem għall-iżvilupp mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni adatti ta' standards Ewropej, li jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għall-punti tal-iċċarġjar mingħajr fili u l-iskambju ta' batteriji għall-vetturi bil-mutur, u għall-punti tal-iċċarġjar għall-vetturi bil-mutur tal-kategorija L u l-karozzi tal-linja elettriċi.

14. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 biex:

(a) tissupplimenta dan l-Artikolu u l-punti 1.3, 1.4, 1.5, 1.6 u 1.8 tal-Anness II sabiex tesiġi l-konformità tal-infrastrutturi li ser jiġu installati jew immodernizzati mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fl-istandards Ewropej li għandhom jiġu żviluppati skont il-paragrafu 13 ta' dan l-Artikolu, fejn l-ESOs rilevanti rrakkomandaw soluzzjoni teknika waħda biss bl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif deskritti fi standard Ewropew rilevanti;

(b) taġġorna r-referenzi għall-istandards imsemmija fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punt 1 tal-Anness II meta dawk l-istandards jiġu ssostitwiti minn verżjonijiet ġodda tagħhom adottati mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni rilevanti.

Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika li normalment issegwi u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inklużi esperti tal-Istati Membri, qabel ma tadotta dawk l-atti delegati.

Dawk l-atti delegati għandhom jipprevedu perijodi transizzjonali ta' mill-inqas 24 xahar qabel ma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'dawk l-atti delegati, jew fl- emendi tagħhom, isiru vinkolanti fuq l-infrastruttura li għandha tiġi installata jew immodernizzata.

*Artikolu 5*

**Provvista tal-idroġenu għat-trasport bit-triq**

1. L-Istati Membri li jiddeċiedu li jinkludu l-punti ta' riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku fl-oqfsa tal-politika nazzjonali tagħhom għandhom jiżguraw li, sal-31 ta' Diċembru 2025, ikun disponibbli numru adatt ta' punti bħal dawn sabiex tkun żgurata ċ-ċirkolazzjoni tal-vetturi bil-mutur li jaħdmu bl-idroġenu, inklużi vetturi biċ-ċelloli tal-karburant, fin-netwerks iddeterminati minn dawk l-Istati Membri, inkluż, fejn adatt, il-konnessjonijiet transkonfinali.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' riforniment tal-idroġenu aċċessibbli għall-pubbliku installati jew immodernizzati sat-18 ta' Novembru 2017 jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punt 2 tal-Anness II.

3. Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta l-atti delegati skont l-Artikolu 8 biex jiġu aġġornati r-referenzi għall-istandards imsemmija fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi kif jinsabu fil-punt 2 tal-Anness II fejn dawk l-istandards huma sostitwiti minn verżjonijiet ġodda tagħhom adottati mill-organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni rilevanti.

Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika li normalment issegwi u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inklużi esperti tal-Istati Membri, qabel ma tadotta dawk l-atti delegati.

Dawk l-atti delegati għandhom jipprevedu perijodi transizzjonali ta' mill-inqas 24 xahar qabel ma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'dawk l-atti delegati, jew fl- emendi tagħho, isiru vinkolanti fuq l-infrastruttura li għandha tiġi installata jew immodernizzata.

*Artikolu 6*

**Provvista ta' gass naturali għat-trasport**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, li għadd xieraq ta' punti ta' riforniment tal-LNG jiġu installati fil-portijiet marittimi sabiex l-inġenji f'passaġġi fuq l-ilma intern jew il-vapuri tat-tbaħħir ikunu jistgħu jiċċirkolaw man-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T sal-31 ta' Diċembru 2025. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Istati Membri ġirien, fejn meħtieġ, biex jiżguraw kopertura adegwata tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, li għadd xieraq ta' punti ta' riforniment tal-LNG jiġu installati fil-portijiet interni sabiex l-inġenji f'passaġġi fuq l-ilma intern jew il-vapuri tat-tbaħħir ikunu jistgħu jiċċirkolaw man-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T sal-31 ta' Diċembru 2030. L-Istati Membri għandhom jikkooperaw mal-Istati Membri ġirien, fejn meħtieġ, biex jiżguraw kopertura adegwata tan-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T.

3. L-Istati Membri għandhom jindikaw, fl-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, il-portijiet marittimi u interni li għandhom jipprovdu aċċess għall-punti ta' rifورniment tal-LNG imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, filwaqt li jqisu wkoll il-ħtiġijiet attwali tas-suq.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, li għadd xieraq ta' punti ta' rifورniment għal-LNG li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku jiġu installati sal-31 ta' Diċembru 2025, mill-inqas tul in-Netwerk Ewlieni eżistenti tat-TEN-T, sabiex jiġi żgurat li l-vetturi tqal b'mutur tal-LNG jkunu jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni, fejn ikun hemm domanda, sakemm l-ispejjeż ma jkunux sproporzjonati għall-benefiċċji, inklużi l-benefiċċji ambjentali.

5. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni tar-rekwiżit fil-paragrafu 4 u, kif xieraq, tippreżenta proposta biex timmodifika din id-Direttiva sal-31 ta' Diċembru 2027, filwaqt li tqis is-suq tal-vetturi tqal b'mutur tal-LNG, sabiex jiġi żgurat li jiġu installati għadd xieraq ta' punti ta' rifورniment għal-LNG f'kull Stat Membru.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fit-territorju tagħhom ikun hemm disponibbli sistema adatta ta' distribuzzjoni għall-provvista għal-LNG, inklużi faċilitajiet ta' tagħbija għall-vetturi b'tank tal-LNG, għall-provvista tal-punti ta' rifورniment imsemmijin fil-paragrafi 1, 2 u 4. B'deroga, l-Istati Membri ġirien jistgħu, fil-kuntest tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, jifformaw ħażna komuni sabiex dan ir-rekwiżit jiġi ssodisfat. Ftehimiet dwar il-ħażna għandhom ikunu s-suġġett tal-obbligi ta' rappurtar tal-Istati Membri, taħt din id-Direttiva

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, li jiġu installati għadd xieraq ta' punti ta' rifورniment tas-CNG aċċessibbli għall-pubbliku sal-31 ta' Diċembru 2020, sabiex jiġi żgurat, f'konformità mas-sitt inċiż tal-Artikolu 3(1), li vetturi b'mutur tas-CNG jkunu jistgħu jiċċirkolaw f'agglomerazzjonijiet urbani/suburbani u żoni oħra b'densità għolja ta' popolazzjoni, u fejn xieraq, f'netwerks determinati mill-Istati Membri.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, permezz tal-oqfsa ta' politika nazzjonali tagħhom, li għadd xieraq ta' punti ta' rifورniment tas-CNG li jkunu aċċessibbli għall-pubbliku jiġu installati sal-31 ta' Diċembru 2025, mill-inqas tul in-Netwerk Ewlieni eżistenti tat-TEN-T, sabiex jiġi żgurat li l-vetturi b'mutur tas-CNG ikunu jistgħu jiċċirkolaw madwar l-Unjoni.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' rifورniment tas-CNG għal vetturi bil-mutur installati jew immodernizzati mit-18 ta' Novembru 2017 jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li jinsabu fil-punt 3.4 tal-Anness II.

10. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) Nru 1025/2012, l-Unjoni għandha taħdem biex l-organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali ta' standardizzazzjoni rilevanti jiżviluppaw standards, li jinkludu speċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati:

(a) għall-punti ta' rifورniment tal-LNG għat-trasport marittimu u dak fuq il-passaġġi fuq l-ilma intern,

(b) għall-punti ta' rifورniment għall-vetturi b'mutur tal-LNG u tas-CNG.

11. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 biex:

(a) tissupplimenta dan l-Artikolu u l-punti 3.1, 3.2 u 3.4 tal-Anness II, sabiex tkun rekwiżita l-konformità tal-infrastrutturi li għandhom jiġu skjerati jew immodernizzati mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mniżżla fl-istandards li għandhom jiġu żviluppati skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 10 ta' dan l-Artikolu, fejn l-ESOs rilevanti jkunu rrakkomandaw soluzzjoni teknika waħda biss bi speċifikazzjonijiet tekniċi kif deskritt fi standard Ewropew rilevanti li jkun kompatibbli mal-istandards internazzjonali rilevanti, fejn ikun applikabbli,;

(b) taġġorna r-referenzi għall-istandards imsemmijin fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mniżżla jew li għandhom jitniżżlu fil-punt 3 tal-Anness II fejn dawk l-istandards jiġu sostitwiti minn verżjonijiet ġodda tagħhom adottati mill-organizzazzjonijiet Ewropej jew internazzjonali ta' standardizzazzjoni rilevanti.

Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika li normalment issegwi u twettaq konsultazzjonijiet ma' esperti, inklużi esperti tal-Istati Membri, qabel ma tadotta dawk l-atti delegati.

Dawk l-atti delegati għandhom jipprevedu perijodi transizzjonali ta' mill-inqas 24 xahar qabel ma l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi f'dawk l-atti delegati, jew fl- emendi tagħhom, isiru vinkolanti fuq l-infrastruttura li għandha tiġi installata jew immodernizzata.

12. Fin-nuqqas ta' standard li jkun fih speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati għall-punti ta' riforniment tal-LNG għat-trasport marittimu u fuq passaġġi fuq l-ilma intern, imsemmi fil-punt (a) tal-paragrafu 10, u b'mod partikolari fin-nuqqas ta' dawk l-ispeċifikazzjonijiet li jirrigwardaw il-forniment tal-LNG lill-bastimenti, il-Kummissjoni, filwaqt li tqis il-ħidma li qed issir fl-OMI, fis-CCNR, fil-Kummissjoni tad-Danubju u f'fora internazzjonali oħrajn rilevanti, għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati skont l-Artikolu 8 biex tistipula:

— rekwiżiti għall-interfaċċi tat-trasferimenti għall-forniment tal-LNG lill-bastimenti fit-trasport marittimu u dak fuq il-passaġġi fuq l-ilma intern;

— rekwiżiti marbutin mal-aspetti ta' sikurezza tal-ħażna fuq l-art tal-LNG u tal-proċedura ta' forniment tal-LNG lill-bastimenti fit-trasport marittimu u fuq il-passaġġi fuq l-ilma intern.

Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni ssegwi l-prattika li normalment issegwi u jkollha konsultazzjonijiet ma' gruppi rilevanti ta' esperti dwar it-trasport marittimu u dwar it-trasport fuq il-passaġġi fuq l-ilma intern, inklużi esperti mill-awtoritajiet nazzjonali marittimi jew tan-navigazzjoni fuq il-passaġġi fuq l-ilma intern, qabel ma tadotta dawk l-atti delegati.

*Artikolu 7*

**Informazzjoni għall-utent**

1. Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 2009/30/KE, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li ssir disponibbli informazzjoni rilevanti, konsistenti u ċara fir-rigward ta' dawk il-vetturi bil-mutur li jistgħu jieħdu l-karburant b'mod regolari b'karburanti individwali li jkunu tqiegħdu fis-suq, jew jiġu ċċarġjati minn punti ta' ċċarġjar. Informazzjoni bħal din għandha ssir disponibbli fil-manwali tal-vetturi bil-mutur, f'punti ta' riforniment u ta' ċċarġjar, f'vetturi bil-mutur u negozji ta' vetturi bil-mutur fit-territorju tagħhom. Dan ir-rekwiżit għandu japplika għal vetturi bil-mutur kollha, u l-manwali ta' dawn il-vetturi bil-mutur, li jkunu tqiegħdu fis-suq wara t-18 ta' Novembru 2016.

2. Il-provvista tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq id-dispożizzjonijiet ta' tikkettar li jirrigwardaw il-konformità tal-karburant skont l-istandards tal-ESOs li jistabbilixxu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-karburanti. Fejn dawn l-istandards jirreferu għal espressjoni grafika, inkluż skema ta' kodiċi ta' kulur, l-espressjoni grafika għandha tkun sempliċi u faċli biex tinftiehem, u għandha titqiegħed b'mod li tkun viżibbli b'mod ċar:

(a) fuq il-pompi korrispondenti u ż-żennuni tagħhom fil-punti ta' riforniment kollha, mid-data li fiha l-karburanti jitqiegħdu fis-suq;

(b) fuq jew fil-viċin immedjat tal-għotjien kollha minn fejn jimtlew it-tankijiet tal-karburant tal-vetturi bil-mutur rakkomandati u kompatibbli ma' dak il-karburant u fil-manwali tal-vetturi bil-mutur, meta tali vetturi bil-mutur jitqiegħdu fis-suq wara t-18 ta' Novembru 2016.

3. Fejn ikun xieraq, u b'mod partikolari għall-gass naturali u għall-idroġenu, meta jintwerew il-prezzijiet tal-karburant fi stazzjon tal-karburant, għandu jintwera tqabbil bejn il-prezzijiet tal-unità rilevanti għal skopijiet ta' tagħrif. Il-wiri ta' dan it-tagħrif ma għandux iqarraq bl-utent jew jikkonfondih.

Sabiex jiżdied l-għarfien tal-konsumaturi u tiġi prevista t-trasparenza fil-prezzijiet tal-karburanti b'mod konsistenti madwar l-Unjoni, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, metodoloġija komuni għat-tqabbil tal-prezzijiet tal-unità tal-karburanti alternattivi.

4. Fejn l-istandards tal-ESO li jistipulaw l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi ta' karburant ma jinkludux dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar għall-konformità mal-istandards ikkonċernati, fejn id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar ma jagħmlux referenza għal espressjoni grafika inkluż skemi ta' kodiċi ta' kulur, jew fejn id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar mhumiex adatti biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni tista', għall-fini tal-implimentazzjoni uniformi tal-paragrafi 1 u 2, tagħti l-mandat lill-ESOs biex jiżviluppaw speċifikazzjonijiet dwar it-tikkettar ta' kompatibbiltà, jew tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jiddeterminaw l-espressjoni grafika, li tinkludi skema ta' kodiċi ta' kulur, tal-kompatibbiltà għal karburanti introdotti fis-suq tal-Unjoni li jilħqu l-livell ta' 1 % tal-ammont totali ta' bejgħ, fil-valutazzjoni tal-Kummissjoni, f'iktar minn Stat Membru wieħed.

5. Jekk id-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar tal-istandards tal-ESO rispettivi jiġu aġġornati, jekk l-atti ta' implimentazzjoni dwar it-tikkettar jiġu adottati jew jekk jiġu żviluppati standards tal-ESO ġodda għall-karburanti alternattivi kif meħtieġ, ir-rekwiżiti ta' tikkettar korrispondenti għandhom japplikaw għall-punti ta' riforniment u ta' ċċarġjar u l-vetturi bil-mutur kollha rreġistrati fit-territorju tal-Istati Membri minn 24 xahar wara l-aġġornament jew adozzjoni rispettiva tagħhom.

6. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 9(2).

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, meta tkun disponibbli, id-data li tindika s-sit ġeografiku tal-punti ta' riforniment u ċċarġjar aċċessibbli għall-pubbliku ta' karburanti alternattivi koperti b'din id-Direttiva tkun aċċessibbli fuq bażi miftuħa u mhux diskriminatorja lill-utenti kollha. Għall-punti tal-iċċarġjar, tali data, meta tkun disponibbli, tista' tinkludi informazzjoni dwar l-aċċessibbiltà fil-ħin reali kif ukoll informazzjoni storika jew dwar l-iċċarġjar fil-ħin reali.

*Artikolu 8*

**Eżerċizzju tad-delega**

1. Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mis-17 ta' Novembru 2014. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perijodi ta' durata identika, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponix tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 4, 5 u 6 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 4, 5 u 6 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex sejrin joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż bi tliet xhur fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 9*

**Proċedura tal-kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Meta l-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Fejn ikun meħtieġ li l-opinjoni tal-kumitat tinkiseb permezz ta' proċedura bil-miktub, dik il-proċedura għandha tintemm mingħajr riżultat meta, qabel l-iskadenza għall-ħruġ tal-opinjoni, dan jiġi deċiż mill-president tal-kumitat jew jintalab minn maġġoranza sempliċi tal-membri tal-kumitat.

*Artikolu 10*

**Rappurtar u reviżjoni**

1. Kull Stat Membru għandu jressaq quddiem il-Kummissjoni rapport rigward l-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali tiegħu sat-18 ta' Novembru 2019, u kull tliet snin wara dan. Dawk ir-rapporti għandhom ikopru l-informazzjoni elenkata fl-Anness I u għandhom, fejn xieraq, jinkludu ġustifikazzjoni rilevanti dwar il-livell tal-kisba tal-miri u l-objettivi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 3(1).

2. Sat-18 ta' Novembru 2017, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar il-valutazzjoni tal-oqfsa ta' politika nazzjonali u l-koerenza tagħhom fil-livell tal-Unjoni, inkluża evalwazzjoni tal-livell ta' kisba tal-miri u l-objettivi nazzjonali msemmijin fl-Artikolu 3(1).

3. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill kull tliet snin b'effett mit-18 ta' Novembru 2020.

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jinkludi l-elementi li ġejjin:

— valutazzjoni tal-azzjonijiet meħudin mill-Istati Membri;

— valutazzjoni tal-effetti ta' din id-Direttiva fuq l-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-infrastruttura tal-karburanti alternattivi u l-kontribut tagħha għas-suq tal-karburanti alternattivi għat-trasport, kif ukoll l-impatt tagħha fuq l-ekonomija u l-ambjent;

— informazzjoni dwar il-progress tekniku u l-iżvilupp tas-suq fir-rigward tal-karburanti alternattivi fis-settur tat-trasport u tal-infrastruttura rilevanti koperta b'din id-Direttiva u ta' kwalunkwe karburant alternattiv ieħor.

Il-Kummissjoni tista' tiddeskrivi eżempji tal-aħjar prattiki u tagħti rakkomandazzjonijiet adatti.

Ir-rapport tal-Kummissjoni għandu jivvaluta wkoll ir-rekwiżiti u d-dati stipulati f'din id-Direttiva fir-rigward tal-bini tal-infrastruttura u l-implimentazzjoni ta' speċifikazzjonijiet, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi tekniċi, ekonomiċi u tas-suq tal-karburanti alternattivi rispettivi, flimkien ma' proposta leġislattiva fejn xieraq.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta linji gwida rigward ir-rappurtar mill-Istati Membri tal-elementi elenkati fl-Anness I.

5. Sal-31 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni għandha tirrevedi l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, u, kif xieraq, tippreżenta proposta biex temenaha billi tistipula speċifikazzjonijiet tekniċi komuni ġodda għall-infrastruttura tal-karburanti alternattivi fl-ambitu ta' din id-Direttiva.

6. Sal-31 ta' Diċembru 2018, il-Kummissjoni għandha, jekk tqis li dan hu xieraq, tadotta Pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-istrateġija deskritta fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bl-isem "Enerġija Nadifa għat-Trasport: strateġija Ewropea għal karburanti alternattivi" sabiex jinkiseb l-usa' użu possibbli tal-karburanti alternattivi għat-trasport, filwaqt li tiġi żgurata n-newtralità teknoloġika, u tiġi promossa l-mobbiltà elettrika sostenibbli madwar l-Unjoni. Għal dak il-fini, hija tista' tqis il-ħtiġijiet u l-iżviluppi tas-swieq individwali fl-Istati Membri.

*Artikolu 11*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sat-18 ta' Novembru 2016. Huma għandhom minnufih jgħarrfu lill-Kummissjoni dwar dan.

2. Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva, jew għandhom ikunu akkumpanjati minn tali referenza fil-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi għal tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

3. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 12*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 13*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Strasburgu, it-22 ta' Ottubru 2014.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| M. SCHULZ | B. DELLA VEDOVA |

*ANNESS I*

**RAPPORT**

Ir-rapport għandu jinkludi deskrizzjoni tal-miżuri meħuda fi Stat Membru b'appoġġ għall-bini tal-infrastruttura tal-karburanti alternattivi. Ir-rapport għandu jinkludi mill-inqas l-elementili ġejjin:

1. **Miżuri legali**

Informazzjoni dwar miżuri legali, li jistgħu jikkonsistu minn miżuri leġislattivi, regolatorji jew amministrattivi b'appoġġ għall-bini ta' infrastruttura tal-karburanti alternattivi, bħall-permessi għall-bini, il-permessi għall-parkeġġi, iċ-ċertifikazzjoni tal-prestazzjoni ambjentali tan-negozji u konċessjonijiet ta' stazzjonijiet tal-karburant.

2. **Miżuri ta' politika b'appoġġ għall-implimentazzjoni tal-qafas ta' politika nazzjonali**

L-informazzjoni dwar dawk il-miżuri għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

— inċentivi diretti għax-xiri ta' mezzi tat-trasport li jużaw karburanti alternattivi jew għall-bini tal-infrastruttura;

— disponibbiltà ta' inċentivi tat-taxxa għall-promozzjoni ta' mezzi tat-trasport li jużaw karburanti alternattivi u l-infrastruttura rilevanti;

— użu ta' akkwist pubbliku b'appoġġ għall-karburanti alternattivi, inkluż l-akkwist konġunt;

— inċentivi min-naħa tad-domanda li mhumiex ta' natura finanzjarja: pereżempju aċċess preferenzjali għal żoni ristretti, politika tal-parkeġġ u korsiji ddedikati;

— konsiderazzjoni tal-ħtieġa għal punti ta' riforniment ta' karburanti rinnovabbli tal-avjazzjoni fl-ajruporti fin-Netwerk Ewlieni tat-TEN-T;

— proċeduri tekniċi u amministrattivi u leġislazzjoni fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-provvista ta' karburanti alternattivi, sabiex jiġi ffaċilitat il-proċess ta' awtorizzazzjoni.

3. **Appoġġ għall-installazzjoni u l-manifattura**

Il-baġit pubbliku annwali allokat għall-installazzjoni tal-infrastruttura għall-karburanti alternattivi, imqassam skont il-karburant alternattiv u skont il-mod tat-trasport (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru).

Il-baġit pubbliku annwali allokat għall-appoġġ ta' impjanti għall-manifattura ta' teknoloġiji li jużaw karburanti alternattivi, imqassam skont il-karburant alternattiv u skont il-mezz tat-trasport.

Konsiderazzjoni ta' kwalunkwe ħtieġa partikolari waqt il-fażi inizjali tal-installazzjoni ta' infrastrutturi għall-karburanti alternattivi.

4. **Riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni(RŻT&D)**

Il-baġit pubbliku annwali allokat għall-appoġġ tar-RŻT&D fil-karburanti alternattivi, imqassam skont il-karburant u skont il-mod tat-trasport.

5. **Miri u objettivi**

— estimi tan-numru ta' vetturi li jaħdmu b'karburanti alternattivi mistennija sal-2020, l-2025 u l-2030;

— il-livell ta' kisba tal-objettivi nazzjonali għall-użu ta' karburanti alternattivi fil-mezzi tat-trasport differenti (bit-triq, bil-ferrovija, fuq l-ilma u bl-ajru);

— il-livell ta' kisba tal-miri nazzjonali, sena b'sena, għall-installazzjoni tal-infrastruttura tal-karburanti alternattivi fil-mezzi ta' trasport differenti;

— l-informazzjoni dwar il-metodoloġija applikata biex titqies l-effiċjenza tal-iċċarġjar ta' punti tal-iċċarġjar b'potenza għolja.

6. **Żviluppi fl-infrastruttura għall-karburanti alternattivi**

Bidliet fil-provvista (kapaċità addizzjonali tal-infrastruttura) u fid-domanda (kapaċità li fil-fatt tintuża).

*ANNESS II*

## SPEĊIFIKAZZJONIJIET TEKNIĊI

### 1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti tal-iċċarġjar

1.1 Punti tal-iċċarġjar b'potenza normali għal vetturi bil-mutur

Il-punti tal-iċċarġjar b'potenza normali b'kurrent alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas bi żbokk ta' sokits jew konnetturi tal-vetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196-2. Filwaqt li tinżamm il-kompatibbiltà mat-Tip 2, dawk l-iżbokkijiet ta' sokits jistgħu jiġu mgħammra b'karatteristiċi bħal shutters mekkaniċi.

1.2 Punti tal-iċċarġjar b'potenza qawwija għal vetturi bil-mutur

Il-punti tal-iċċarġjar b'potenza qawwija b'kurrent alternanti (AC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas b'konnetturi tat-Tip 2, kif deskritt fl-istandard EN62196-2.

Il-punti tal-iċċarġjar b'potenza qawwija b'kurrent dirett (DC) għall-vetturi elettriċi għandhom ikunu mgħammra, għal finijiet ta' interoperabbiltà, tal-inqas bil-konnetturi tas-sistema tal-iċċarġjar konġunti 'Combo 2', kif deskritt fl-istandard EN62196-3.

1.3 Punti tal-iċċarġjar mingħajr fili għall-vetturi bil-mutur

1.4 Skambju ta' batteriji għall-vetturi bil-mutur

1.5 Punti ta' ċċarġjar għal vetturi bil-mutur tal-kategorija L

1.6 Punti ta' ċċarġjar għal karozzi tal-linja elettriċi

1.7 Provvista ta' elettriku max-xtut għal vapuri tat-tbaħħir

Il-provvista ta' elettriku max-xatt għal vapuri tat-tbaħħir, inkluż id-disinn, l-installazzjoni u l-ittestjar tas-sistemi, għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-istandard IEC/ISO/IEEE 80005-1.

1.8 Provvista ta' elettriku max-xtut għal bastimenti f'passaġġi fuq l-ilma intern

### 2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' riforniment tal-idroġenu għall-vetturi bil-mutur

2.1. Il-punti ta' riforniment fil-miftuħ tal-idroġenu minn fejn jista' jinxtara idroġenu gassuż li jintuża bħala karburant abbord vetturi bil-mutur għandhom jikkonformaw mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-ispeċifikazzjoni ISO/TS 20100 għar-Riforniment ta' Idroġenu Gassuż.

2.2. Il-purezza tal-idroġenu li jista' jinxtara mill-punti ta' riforniment tal-idroġenu għandha tikkonforma mal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi inklużi fl-istandard ISO 14687-2.

2.3. Il-punti ta' riforniment tal-idroġenu għandhom jużaw tagħmir u algoritmi tal-karburant li jikkonformaw mal-ispeċifikazzjoni ISO/TS 20100 għar-Riforniment ta' Idroġenu Gassuż.

2.4. Il-konnetturi għall-vetturi bil-mutur għar-riforniment ta' idroġenu gassuż għandhom jikkonformaw mal-istandard ISO 17268 għat-tagħmir ta' konnessjoni għar-riforniment tal-idroġenu gassuż għall-vetturi bil-mutur.

### 3. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' riforniment tal-gass naturali

3.1. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' riforniment tal-LNG għal bastimenti f'passaġġi fuq l-ilma intern jew vapuri tat-tbaħħir

3.2. Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' riforniment tal- LNG għall-vetturi bil-mutur

3.3. Speċifikazzjonijiet tekniċi għal konnetturi/reċipjenti tas- CNG

Il-konnetturi/reċipjenti tas-CNG għandhom jikkonformaw mar-Regolament UN-ECE Nru. 110 (li jirreferi għall-ISO 14469, partijiet I u II).

3.4 Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-punti ta' riforniment tas-CNG għall-vetturi bil-mutur